MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1077/2005

**Pace & Mercieca Limited (C3738)**

**Vs**

**Castlegard Holdings Limited**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm325.17c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha li baqghet ma thallsitx.
Ra n-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata fid-19 ta' Settembru, 2005 li permezz taghha s-socjeta' attrici rriduciet it-talba

taghha ghal mitejn u tmintax-il lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm218.62c) stante pagament fil-mori tal-kawza.

Ra illi s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-19 ta' Settembru, 2005 meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tmintax-il lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm218.62c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------